**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 2203/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Heathcliff Farrugia**

Illum 10 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Heathcliff Farrugia**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 128380(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer nhar it-23 ta' Settembru 2019:

1. bħala funzjonarju pubbliku, kixef mingħajr awtorita' leġittima informazzjoni li kienet għandu minħabba l-kariga li hu jokkupa (Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 50 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. bħala uffiċjal ta' awtorita' sorveljanti żvela lil terza persuna, b'mod ieħor minn kif previst f'dan ir-regolament, li tkun twettqet, tkun qegħda, jew tista' titwettaq xi analiżi jew investigazzjoni (Regolament 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 373.01 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. bħala uffiċjal pubbliku meta kien sar depożitarju ta' sigriet li ġie fdat lilu, kixef dan is-sigriet (Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. bħala uffiċjal pubbliku, ikkomunika fatt li kien ġie fdat lilu jew li kien magħruf lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu u li kellu jibqa' sigriet u li għen biex jiġi magħruf (Artikolu 133 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' sejbien ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għal ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif kkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ġiet mitluba wkoll tapplika l-piena tal-interdizzjoni ġenerali, temporanja jew perpetwa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-27 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti, filwaqt li sabet lill-imputat mhux ħati tat-tieni (2) imputazzjoni u lliberatu minnha, wara li rat Artikoli 17, 31, 133, 257 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 9(1) tal-Kapitolu 50 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati ta' l-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minflok piena lliberatu bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet snin mid-data tas-sentenza u dan *ai termini* ta' Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. Bis-saħħa ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputat iħallas l-ispejjeż marbuta mal-ħatra u rapporti ta' l-espert Keith Cutajar u ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex tiġi eżegwita din l-ordni.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha*

1. *tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn illiberat lill-imputat mit-tieni (2) imputazzjoni,*

2. *tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabet l-appellant ħati tal-ewwel (1), it-tielet (3), u r-raba' (4) imputazzjonijiet u konsegwentement,*

3. *tilliberah minnhom u l-konsegwenti ħtija u piena u l-ħlas ta' spejjeż."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fl-10 ta' Lulju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Mejju 2024.

Illi l-fatti ta' dan il-każ primarjament jirrigwardaw *chat* li seħħet fit-23 ta' Settembru 2019 permezz ta' pjattaforma elettronika bejn l-appellant u Yorgen Fenech. Din iċ-*chat* kienet tirrigwarda rapport dwar investigazzjoni li saret fil-casino ta' proprjeta' tal-familja Fenech. Waqt din iċ-*chat* l-appellant allegatament indika informazzjoni li kienet ta' natura kunfidenzjali lil Yorgen Fenech rigward casino ieħor li kien kompetitur ma' dak tal-familja Fenech.

Illi min-naħa tiegħu l-appellant jgħid li ħafna mid-diskors li sar f'dik iċ-*chat* kien intiż sabiex jikkalma lil Yorgen Fenech u anke biex jeħles minnu mingħajr ma jiksirha miegħu. Huwa jikkonferma wkoll li kien inkwetat li l-multa prospettiva kienet ser

tinħareġ fi żmien sensittiv u li allura setgħet tispiċċa ballun politiku.

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu hija tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat hija tinnota li dak li trid tagħmel huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enunċazzjoni żbaljata ta' dak li ġie interpretat bħala sigriet fil-każ odjern. L-appellant jispjega li fiż-żmien tal-imputazzjoni huwa kien Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' tal-Logħob fejn kellu rwol ta' regolatur kif ukoll rwol li jġib in-negozju lejn Malta sabiex in-nies li jaħdmu fis-settur iħossuhom komdi jaħdmu fl-industrija. Ikompli li fit-22 ta' Novembru 2021 Joseph Attard li kien il-Kap kontra l-Ħasil tal-Flus spjega li meta ssir ispezzjoni din tiġi miftehma minn qabel ma' l-operatur u ma jaqbdux u jmorru. Jispjega li l-lista ta' spezzjonijiet ma tkunx pubblika iżda l-operatur li għandu ser issir l-ispezzjoni jkun infurmat dwarha u qabel ma tintbagħat il-komunikazzjoni d-data tal-ispezzjoni tkun miftehma. Jgħid li l-istess xhud ikkonferma li huwa normali li d-data tal-ispezzjoni tinbidel sabiex ma jiġix disturbat l-operat tal-operatur. Jirreferi għal parti fejn dan ix-xhud jgħid li huwa kien jgħid lil sħabu waqt *panels* sabiex jikkonfermaw li dawn l-ispezzjonijiet kienu effettivament ser isiru. Jispjega li hemm differenza bejn l-ispezzjonijiet tal-*online* casinos u dawk *land-based* fejn bil-kontra tal-*online* dawk li huma *land-based* ma jiġux spezzjonati fuq bażi *risk-based.* Jirreferi għal parti oħra fejn l-istess xhud spjega li l-*audit* baqgħet sejra u li huma marbutin bis-segretezza għal dak li jirrigwarda t-tranżazzjonijiet suspettużi iżda mhux l-*audit*.

Illi l-appellant jgħid li Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħtix tifsira ta' dak li hu sigriet u jgħaddi sabiex jirreferi għal Artikolu 2(2) tal-Kapitolu 377 tal-Liġijiet ta' Malta. Ikompli li dan l-artikolu, hekk kif applikabbli għal każ odjern, jipprefiġġi fost l-oħrajn li l-informazzjoni trid tiġi deskritta mis-suġġett passiv bħala sigrieta. Huwa jirreferi għax-xiehda tiegħu stess fejn jispjega li huwa tkellem bil-mod li tkellem ma' Fenech sabiex jikkalmah u jurih li huma jimxu bl-istess mod ma' kulħadd. Isemmi li minħabba li l-konċessjoni tad-Dragonara kienet ser

tiskadi fi żmien iqsar miż-żmien li tieħu l-*audit* żgur li ma kinitx ser issir *audit* fuq dak il-casino. L-appellant jisħaq li l-kxif ta' sigriet kif provdut f'Artikolu 133 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi kommess malli uffiċjal jew servjent jippubblika jew jikkomunika dokument jew fatt li sar jaf minħabba l-kariga li jokkupa u f'dan il-każ jgħid li ma ġie ppubblikat l-ebda dokument. Huwa jirreferi għal Artikolu 2(a) tal-Kapitolu 583 tal-Liġijiet ta' Malta u jispjega li x-xhud Joseph Attard eskluda kompletament li l-*audit* kienet ser issir b'xi mod li kienet informazzjoni kunfidenzjali. Isemmi Artikolu 9 ta' Kapitolu 50 tal-Liġijiet ta' Malta u jgħid li dan huwa simili għal Artikolu 133. Ikompli li fid-Dibattiti Parlamentari kien hemm riservi u l-Gvern kien qal li din il-leġislazzjoni kienet intiża sabiex jiġu protetti dokumenti li jippreġudikaw is-sigurta' u d-difiża ta' Malta. Ikompli li dan mhux il-każ odjern. Jirreferi wkoll għal każijiet oħra u jispjega li biex ikun hemm kxif ta' sigriet id-dokument irid ikun wieħed li kellu jibqa' sigriet.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment dwar l-aggravju in eżami, din il-Qorti tinnota li fis-sottomissjonijiet bil-fomm li nstemgħu minn din il-Qorti fil-11 ta' Lulju 2024, il-konsulent legali tal-appellant saħaq is-segwenti:

> "Jien waqt il-prosegwiment quddiem l-ewwel istanza tlabt lill-Prosekutur sabiex jiddikjarali verbalment u qiegħed fil-verbal mingħand l-iSpettur George Frendo, dawk il-komunikazzjonijiet illi essenzjalment huma qegħdin jiġu indirizzati, sabiex jiena nkun nista' nirregola l-provi tiegħi f'dak ir-rigward.
>
> In fatti [...] fl-aħħar verbal qabel ma tibda proprju d-difiża, qabel ma bdejna niddefendu, l-iSpettur George Frendo ddikjara li dak illi għandu x'jaqsam ma' dan il-każ *per se* huwa d-diskors u d-diċitura tal-appellant hawnhekk, għal dak li għandu x'jaqsam li qallu l-ġimgħa d-dieħla ser isiru."

Illi dwar dak hawn fuq ċitat din il-Qorti qrat, b'mod partikolari, il-verbali kollha li hemm fl-atti proċesswali nkluż dak tat-18 ta' Novembru 2022 (*a fol.* 246), f'liema verbal il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u li l-każ kien tħalla sabiex id-difiża tressaq il-provi tagħha, u ma sabet l-ebda riferenza hekk kif imsemmi mill-konsulent legali tal-appellant.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti qrat bir-reqqa ċ-*chats* bejn l-appellant u Yorgen Fenech u din il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq li hija temmen li l-maġġor parti taċ-*chat* tpinġi stampa veritjiera għal dak li jirrigwarda n-natura tar-relazzjoni li kellu l-appellant lejn Yorgen Fenech. Rigward l-iskuża tal-appellant li huwa kien qed jipprova jżomm lil Yorgen Fenech kalm, din hija bla ebda bażi legali. Din il-Qorti tistaqsi: għalfejn l-appellant kellu jżomm lill-parti l-oħra fiċ-*chat* kalm?! Fl-aħħar mill-aħħar kien in-negozju tal-parti l-oħra fiċ-*chat* li kienet fil-ħażin u għalhekk kien proprju jispetta lil din il-parti tiġġustifika ruħha u mhux l-appellant.

Illi rigward il-punt imqajjem mill-appellant dwar jekk l-informazzjoni kinitx kunfidenzjali jew le, din il-Qorti tindika li l-*email* (Dok "GF 2" - *a fol.* 42 *et seq.*) mibgħuta minn Joseph Attard lill-appellant u li ġġib id-data tas-6 ta' Awwissu 2019 hija kjarament kontrasenjata bħala strettament kunfidenzjali. Huwa minnu li t-titolu ta' din l-email tiffoka fuq l-investigazzjoni li saret għand is-soċjeta' Vivaro iżda huwa daqs tant minnu li fl-imsemmija *email* hemm indikat lista ta' tnax (12)-il operatur li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) kienet identifikat sabiex issirilhom *AML examination*.

Illi mix-xiehda ta' Joseph Attard mogħtija fil-25 ta' Mejju 2022 (*a fol.* 222 *et seq.*) jirriżulta li l-għażla tal-operaturi li kellhom jgħaddu mill-*AML examination* kienu intgħażlu mill-FIAU. Għalhekk l-Awtorita' ta' Malta dwar il-Logħob kienet qed taġixxi *qua* aġent tal-FIAU bil-konsegwenza naturali li l-appellant kellu l-obbligu li jittratta tali informazzjoni bħala kunfidenzjali.

Illi minn qari ta' Artikolu 34 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti tikkunsidra li l-punt imressaq mill-appellant rigward it-tifsira ta' x'inhu sigriet taħt il-Kapitolu 377 tal-Liġijiet ta' Malta bħala wieħed fqir stante li f'dan il-każ jirriżultaw tnejn mit-tliet ċirkostanzi fejn l-istess Kapitolu 377 tal-Liġijiet ta' Malta jfisser tagħrif partikolari bħala sigriet.

Illi dwar l-argument imressaq mill-appellant meta jirreferi għal Artikolu 133 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jispjega li dan ma japplikax għal każ tiegħu minħabba li ma ġewx rilaxxati dokumenti, din il-Qorti tgħid minnufih li ma taqbilx ma' l-appellant. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għall-istess artikolu msemmi li jaqra hekk:

> "Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku <u>li jikkomunika</u> jew jippubblika dokument jew <u>fatt</u> li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa." [emfażi miżjuda]

Illi bil-kontra ta' dak li jgħid l-appellant minn analiżi ta' Artikolu 133 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżulta li dan japplika wkoll għal każijiet fejn jiġi "kkomunikat" "fatt". Issa fiċ-*chats* in kwistjoni l-appellant informa lil Fenech li kienet ser issir investigazzjoni kontra kompetitur tiegħu u li dan il-kompetitur għandu nuqqasijiet. Minkejja li l-appellant jgħid li dan kien kollu gideb u li ma kienx jaf la d-data u lanqas is-sitwazzjoni ta' dan il-kompetitur, l-atti proċesswali ma jikkonfermawx dan. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija mill-istess appellant fid-19 ta' April 2023 fejn jispjega li l-casino kompetitur weħel multa ta' ċirka mitejn u tlieta u tletin elf Euro (€233,000). Għalhekk kellu raġun meta lil Fenech l-appellant qallu li dan il-casino għandu l-problemi. Minbarra dan diġa' ġie stabbilit li l-appellant kien jaf li kienet ser issir spezzjoni fuq dan il-casino.

Illi rigward il-punt imqajjem dwar Kapitolu 50 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma taqbilx ma' l-argument imressaq mill-appellant u ċioè li dan il-Kapitolu kien limitat għal kwistjonijiet ta' difiża biss. Għalkemm huwa minnu li l-għan oriġinali ta' dan il-Kapitolu kien proprju dan, permezz ta' emendi tas-sena 1996 l-għan tiegħu nfetaħ sabiex ikopri numru ta' kategoriji ta' informazzjoni. L-informazzjoni protetta ġiet definita fid-Dibattiti Parlamentari tas-Seba' Parlament fejn f'Seduta Numru 549 miżmuma fil-5 ta' Ġunju 1996 jirriżulta s-segwenti:

> "Ir-raba' kategorija ta' informazzjoni li qiegħda tiġi protetta hija dik relatata ma' delitti u setgħat investigattivi speċjali. Kwalunkwe persuna li hi jew li kienet funzjonarju pubbliku jew kuntratta mill-Gvern tkun ħatja ta' reat skond din l-Ordinanza – u għalhekk kastigata bi priġunerija massima ta' sentejn jew inkella b'multa ta' Lm5,000 – jekk tikxef xi informazzjoni li l-kxif tagħha jirriżulta fl-għemil ta' reat. Per eżempju, jiena, bħala funzjonarju pubbliku jew uffiċjal pubbliku nikxef informazzjoni li tgħin lil xi ħadd jagħmel reat jew li dik l-informazzjoni tgħin sabiex xi ħadd jaħrab minn kustodju legali jew inkella l-kxif ta' dik l-informazzjoni jimpedixxi l-prevenzjoni jew il-kxif ta' reati u l-qbid jew il-prosekuzzjoni ta' persuni suspettati. Mela hawnhekk għandna projbizzjoni ta' kxif ta' informazzjoni li minflok tgħin lill-forzi ta' l-ordni fil-prevenzjoni ta' delitti u fil-qbid ta' dawk responsabbli meta jsiru r-reati, din tfixkilhom fil-qadi ta' dmirijiethom. Mela hawnhekk għandna aktar l-informazzjoni li hija relatata ma' investigazzjonijiet kriminali. Din il-klawsola – huwa interessanti hawnhekk li wieħed jiġbed l-attenzjoni tal-Kamra għal dan il-provvediment – tapplika wkoll għal kwalunkwe informazzjoni li tkun inkisbet minn funzjonarju pubbliku jew minn persuna kuntrattata mill-gvern bis-saħħa ta' mandat li l-ministru jista' joħroġ taħt is-*Security Service Bill* li għadna kif approvajna t-Tieni Qari tiegħu. Tapplika wkoll l-istess linja ta' difiża li semmejna qabel, jiġifieri li persuna tista' tipprova li ma

> kenitx taf jew ma kellhiex raġuni biex temmen li l-effetti fuq imsemmija setgħu jkunu ta' ostaklu għall-proċess ta' investigazzjoni kriminali. Dawn huma l-erba' kategoriji ta' informazzjoni li qed nipproponu li għandhom jiġu protetti u kull waħda għandha r-regoli differenti tagħha. Għandna l-informazzjoni relatata mas-sigurta', l-informazzjoni relatata mad-difiża, l-informazzjoni relatata mar-relazzjonijiet internazzjonali u l-informazzjoni relatata mad-delitti, jiġifieri l-prevenzjoni tad-delitti u l-qbid ta' min ikun ikkommettihom."

Illi għalhekk huwa evidenti li Kapitolu 50 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz tal-emendi li ġew introdotti fis-sena 1996, japplika għal każ odjern.

Illi finalment rigward l-allegazzjoni li x-xhud Joseph Attard eskluda kompletament li l-*audit* li kien ser isir b'xi mod li kien kunfidenzjali, din il-Qorti tirrimarka li dwar dan għandu raġun l-Avukat Ġenerali meta jirrimarka dwar l-istess xhud li dan semma ripetutament li l-informazzjoni kienet ta' ċertu kunfidenzjalita'. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija minn Joseph Attard fil-25 ta' Mejju 2022 fejn mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni tiegħu jirriżulta s-segwenti (*a fol.* 234 *et seq.*):

"Pros.: Sur Attard, rigward dawn l-*audits* li kontu tagħmlu lil *land-based* casinos, kontu tinfurmawhom, inti għidtilna minn ċertu żmien qabel, int semmejt bejn 3 u 4 ġimgħat.

Xhud: Hekk hu

Pros.: Rigward dawn l-*audits* li kontu tantiċipaw li se isiru, id-dati ta' dawn l-*audits* kienu jiġi *published* mill-MGA fuq xi *site*?

Xhud: Le, u żgur li le.

Pros.: U għala le?

Xhud: Mhux xi haġa li kienet issir, ma konniex nippublikaw l-*audits* ta' min ħa jagħmel l-*audits*, mhux xi ħaġa tippublikaha li tagħmel ma tippublikax id-data tiegħu.

Pros.: Mhux ta' min, fejn ħa issir l-*audit*.

Xhud: Eżatt l-*audit* ma tippublikahx.

Pros.: U għaliex x'inhu l-iskop li ħaddieħor ma jkunx jaf li ovvjament ħa ssir *audit* fl-istabiliment partikolari?

Xhud: L-iskop li ma ssirux affarijiet sensittivi ovvjament. fejn l-awtorita ta' l-MGA.

Pros.: Raġunijiet sensittivi, sewwa jekk nistaqsik ġieli kien hemm każijiet fejn l-awtorita ta' MGA infurmat lil negozju partikolari li kien ħa ssir *audit* f'xi casino partikolari ieħor?

Xhud: Tista' terġa tirrepetiha Spettur?

Pros.: Ġieli kien hemm xi drabi fejn l-Awtorita' tinforma lil casino illi kien ħa ssir *audit* f'casino?

Xhud: F'casino partikolari le [...].

[...]

Pros.: Tkellimna li parti minn dawn l-*audits*, il-preparazzjoni tagħhom kienet issir *in conjunction* ma' FIAU, issa inti bħala ex MLRO ta' MGA konxju mill-fatt illi meta tkunu qegħdin taħdmu ma' FIAU, intom bħala uffiċjali marbutin b'segretezza?

> Xhud: Żgur, speċjalment għandek livelli ta' segretezza, għandek livelli segretezza fejn jidħlu suspetti, tranżazzjonijiet dawk lanqas hekk jiġi min jiġi ma tistax tgħiduhom dawk l-affarijiet għax tiġi *tipping off* u problemi mal-ġustizzja u mbagħad għandek element ta' mhux daqshekk sensittiv mis-segretezza li huma l-*audits* fhimt, ma tistax toqgħod ixxandar kif u *come*."

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għad-depożizzjoni mogħtija minn Rudolph Muscat quddiem l-Ewwel Qorti, liema depożizzjoni ngħatat fit-22 ta' Novembru 2021, fejn beda billi qal li huwa *manager* f'wieħed mit-timijiet tas-*Supervision Unit* tal-FIAU u fejn dwar il-lista ta' spezzjonijiet spjega s-segwenti:

> "Le dik mhijiex pubblika. Issir min-naħa tal-FIAU u l-lista finali tingħadda lill-Awtoritajiet konċernati, li f'dan il-każ l-MGA."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq dwar l-aggravju in eżami u b'mod partikolari l-obbligu tal-appellant li jara li l-informazzjoni li waslet għandu kif hawn fuq imsemmi kellha tibqa' kunfidenzjali, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u b'hekk l-imsemmi aggravju jistħoqqlu jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-provi prodotti. Jirreferi għal prinċipji legali fil-qasam kriminali u jilmenta li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova. Filwaqt li jirreferi għal partijiet tas-sentenza appellata, jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx issibu ħati meta dan la kien sigriet u lanqas ġie dikjarat hekk mis-suġġett attiv jew passiv. L-appellant jisħaq li l-Prosekuzzjoni kellha obbligi oħra u ċioè kellha tipprova li hu kien sar depositarju ta' sigriet. Jispjega li proprju minħabba li kien ikkupjat ma kien

hemm l-ebda sigriet. Jisħaq li miċ-*chats* jirriżulta li huwa lanqas kien jaf bid-data tal-ispezzjoni. Jerġa' jirreferi għal parti tax-xiehda ta' Joseph Attard fejn dan jispjega li t-tranżazzjonijiet suspettużi kienu sigrieti. Jgħid li l-operaturi tal-*land-based casinos* kollha jafu li darba fis-sena trid issir din l-ispezzjoni u b'riferenza għax-xiehda tal-Uffiċjal Prosekutur jgħid li fil-verita' id-data ta' din l-ispezzjoni tkun mgħarrfa lil min tkun ser issirlu l-ispezzjoni ġimgħat qabel u għalhekk ma tkunx sigrieta.

Illi l-appellant jispjega li l-kxif ta' sigriet jitlob is-segwenti tliet elementi: (a) l-obbligu taż-żamma tas-sigriet, (b) il-benefiċċju doluż minn tali informazzjoni, u (ċ) l-intenzjoni sabiex jiġi trasmess dak il-benefiċċju.

Illi rigward iċ-*chats* tal-*Whatsapp*, l-appellant jispjega li huwa kien qed jipprova jtaffi mill-weġgħa ta' Fenech. Jgħid li qallu li l-ġimgħa ta' wara kellha ssir spezzjoni fuq il-*Casino* Malta mentri huwa ma kienx jaf fil-fatt din l-informazzjoni tant li tali spezzjoni ma saritx. Rigward l-użu tal-kelma "d-dieħla" fiċ-*chats* qal li din tfisser il-ġimgħa ta' wara mentri fil-fatt l-ispezzjoni saret f'Novembru. Ikompli li fl-atti jirriżulta li l-operaturi kienu jiġu nfurmati bid-data erba' ġimghat qabel u għalhekk din ma setgħetx tforni gwadann.

Illi l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti emmnitu b'dana illi ħadet in konsiderazzjoni dak li qal fil-kalibrar tal-piena. Jisħaq li l-iskop fiċ-*chat* mhux il-kxif ta' sigriet iżda biex jingħadda messaġġ li kulħadd jiġi trattat bl-istess mod. Jispjega li dan joħroġ ċar mill-fatt li:

(a) L-*email* li ġiet komunikata lilu (lill-appellant) kienet ferm wara li tkellem ma' Fenech. L-ittra li ġiet komunikata mill-FIAU, fejn ġew mgħarrfa meta ser issir l-ispezzjoni, lil MGA kienet waslet għall-ewwel darba fis-16 ta' Ottubru. Qabel din kien hemm biss *email* dwar *review* ta' Vivaro Limited li jsemmi li Casino Malta ser issiru spezzjoni bejn 2019 u 2020;

(b) Biex jissussisti dan ir-reat irid jkun hemm intenzjoni doluża u xi forma ta' skop;

(c) Bħala Kap Eżekuttiv ħass il-bżonn li jilħaq bilanċ bejn li jkun regolatur u jkun viċin l-operatur; u

(d) Jgħid li ma teżistix prova li hu (l-appellant) kien jaf li:

(i) ser issir ispezzjoni ta' Casino Malta;
(ii) meta ħa issir tali spezzjoni;
(iii) li ħa toħroġ multa lil Tumas Group;
(iv) ħa jikxef spezzjoni tal-Casino Malta;
(v) li l-oħrajn għandhom il-problemi;
(vi) li Yorgen Fenech ma kienx jaf; u
(vii) li Kenneth Farrugia ma riedx li toħroġ l-informazzjoni.

Illi dwar dak imsemmi mill-appellant fl-aggravju in eżami, din il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni, tibda billi tagħmel riferenza għal dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward tal-ewwel aggravju u tapplikah *mutatis mutandis* għal dan l-aggravju. Apparti minn dan, din Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a favur l-imputat, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi suffiċjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. Sta mbagħad għal ġudikant li jagħrbel il-provi u jara jekk il-livell rikjest fil-kamp kriminali effettivament intlaħaqx. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-

Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' sufficjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:

> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi rigward il-fatt li ma tressaqx jixhed Fenech, din il-Qorti hija sodisfatta li l-appellant qatt ma ċaħad li effettivament saret il-konversazzjoni fuq il-pjattaforma elettronika bejnu u Fenech. Għalhekk ma kienx hemm bżonn li jitressaq jixhed Fenech sabiex jikkonferma tali konversazzjoni. Apparti minn dan, huwa l-istess appellant li jipprova jiġġustifika l-kliem li sar waqt din iċ-*chat*!

Illi din il-Qorti tikkonferma dak li qalet preċedentement rigward l-obbligu tal-appellant li ma joħroġx informazzjoni mogħtija mill-FIAU. Il-fatt li b'mod ġenerali kulħadd kien jaf li kienu ser isiru dawn l-*audits* ma jfissirx li l-ordni tal-*audits* kien magħruf. Din il-Qorti żżid tgħid ukoll li għalkemm il-persuna li tkun ser issirlu l-*audit* jista' ikun jaf li ser isirlu l-*audit*, il-każ odjern ma jirrigwardax il-casino tal-familja Fenech iżda jirrigwarda l-casino ta' terzi. Għalhekk il-fatt li s-suġġett passiv tal-*audit* ikun jaf bl-*audit* bil-quddiem huwa irrelevanti f'dan il-każ stante li, kif ġie ndikat aktar 'il fuq taħt l-aggravju preċedenti, din l-informazzjoni ma tiġix mogħtija lill-kompetituri iżda tingħata biss lis-suġġett passiv tal-*audit*!

Illi rigward it-tliet elementi li, skont l-appellant, riedu jiġu ppruvati mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari rigward l-obbligu taż-żamma tas-sigriet, dan diġa' ġie spjegat taħt l-ewwel aggravju minn din il-Qorti u b'hekk, a skans ta' ripetizzjoni, tapplika dak li diġa' ngħad hawn.

Illi rigward il-kwistjoni mressqa mill-appellant bħala skuża għal dawn iċ-*chats* u ċioè li kien qed jipprova jtaffi mill-weġgħa ta' Fenech, din il-Qorti tqis li din l-ispjegazzjoni ma hijiex għajr tentattiv fqir ħafna sabiex l-appellant jiġġustifika l-kondotta tiegħu. Tabilħaqq huwa kien jirrappreżenta regolatur u għalhekk ma kellux għalfejn jiġġustifika l-fatt li kienu qed isiru l-*audits*. Konsegwentement l-appellant ma kellu l-ebda raġuni valida sabiex itaffi mill-weġgħa ta' Fenech.

Illi l-appellant jiddefendi ruħu billi jgħid li huwa ma kienx jaf id-data ta' meta kienet ser issir l-investigazzjoni. Għalkemm dan jidher li huwa minnu stante li mill-*email* tas-6 ta' Awwissu 2019 (Dok. "GF 2" – *a fol.* 42 *et seq.*) ma tirriżultax data, huwa sar depożitarju tal-fatt li casino terz kien imissu jgħaddi mill-istess evalwazzjoni. Il-fatt li ma kienx jaf id-data tal-ispezzjoni ma tnaqqas xejn mill-fatt li kien jaf li kienet ser issir daqt u li kien marbut iżomm tali informazzjoni b'mod kunfidenzjali. Mhux hekk biss, talli l-appellant għoġbu jgħid ukoll lil Fenech li kien jaf

li l-casino li kien ser jiġi investigat kellu ħafna nuqqasijiet. Għarfien dan li seta' kien ukoll kummerċjalment sensittiv.

Illi rigward il-lista ta' raġunijiet mogħtija mill-appellant li huwa kien qed jipprova jgħaddi l-messaġġ li kulħadd kien jiġi ttrattat bl-istess mod, din il-Qorti tikkunsidra li l-appellant għandu mod stramb biex juri dan. Mill-atti proċesswali jirriżulta li mhux minnu li l-appellant kien jaf li ser issir l-ispezzjoni, mill-MGA għall-ewwel darba fis-16 ta' Ottubru. F'dan ir-rigward biżżejjed wieħed jara l-*email* tas-6 ta' Awwissu 2019 (Dok. "GF 2" – *a fol.* 42 *et seq.*). L-intenzjoni tal-appellant li toħroġ miċ-*chats* ma hijiex waħda ċara, iżda jidher li huwa kien qed jipprova jingrazja ruħu ma' Fenech. Minkejja dan, ried x'ried l-appellant, il-liġi tipprekludi d-divulgar tal-informazzjoni in kwistjoni sakemm ma jirriżultawx ir-raġunijiet previsti fil-liġi. L-unika ħaġa li tirriżulta fl-atti proċesswali huwa l-*email* in kwistjoni u konsegwentement l-informazzjoni divulgata kienet protetta bil-kunfidenzjalita'. Fl-atti proċesswali ma hemm l-ebda prova li huwa ngħata xi permess sabiex din l-informazzjoni tiġi divulgata.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u għalhekk anke t-tieni aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tielet aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex waħda *safe and satisfactory*. L-appellant jargumenta li għal dak li għandu x'jaqsam ma' Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-parti esposittiva fiċ-ċitazzjoni hija kważi kelma b'kelma mal-Artikolu 133 tal-istess Kapitolu msemmi. Ikompli li minkejja dan saret riferenza għal Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jispjega li għalkemm sar hekk ma hemm l-ebda riferenza għad-definizzjoni tas-sigriet professjonali li jirriżulta mill-Att dwar is-Segretezza Professjonali jew fl-Att dwar l-Awtorita' tal-Logħob. Jgħid li mingħajr id-diċitura f'dawn l-Atti, ir-reat li hemm f'Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jistax jissussisti.

Illi l-appellant jisħaq li ma jistgħux jissussistu r-reati kollha minħabba li kif xehed ir-rappreżentant tal-MITA l-unika *extraction* li saret kienet biss ta' sitt xhur qabel, liema informazzjoni ma tinkludix il-komunikazzjoni elettronika li l-Prosekuzzjoni tagħmel riferenza għaliha. Jgħid li meta tressaq l-espert tal-Qorti, huwa seta' biss jestrapola l-informazzjoni provduta mill-MITA.

Illi l-appellant jisħaq ukoll li d-deċiżjoni appellata mhijiex *safe and satisfactory* minħabba li fil-każ odjern is-sustanza mhux waħda viżiva iżda interpretattiva u l-illegalita' trid tiġi ppruvata. Jargumenta li meta ma tressqux jixhdu l-persuni l-oħra nvoluti, huwa ma setax jiddefendi l-elementi tar-reat meta dawn huma nieqsa.

Illi rigward l-ilment tal-appellant li fiċ-ċitazzjoni ma saritx riferenza għad-definizzjoni tas-sigriet professjonali fl-Att dwar is-Segretezza Professjonali jew l-Att dwar l-Awtorita' tal-Logħob, din il-Qorti tirreferi għal dak li jistabbilixxi Artikolu 257 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra hekk:

> "Kull min, minħabba l-istat, professjoni jew kariga tiegħu, ikun sar id-depożitarju ta' sigriet li jkun ġie fdat lilu, jikxef dan is-sigriet, ħlief fil-każijiet li fihom il-liġi tobbligah igħarrafhom lil awtorità pubblika, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa ta'mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf ħames mija u sebgħa u tmenin euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€46,587.47) jew ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien:
>
> [...]."

Illi fis-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Ryan Borg** (Numru 540/ 2017), din il-Qorti diversament preseduta qasmet l-elementi li jridu jiġu ppruvati fi tlieta u qalet hekk:

> "Konsegwentement kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti l-Prosekuzzjoni trid tipprova:
>
> 1. Li l-appellant sar depositarju ta' sigriet.
>
> 2. Li s-sigriet ġie fdat lilu minħabba l-kariga tiegħu f'dan il-każ ta' *senior executive* mal-Malta Enterprise u
>
> 3. Li l-appellant kixef dan is-sigriet lil terz li ma kienx jaf bih."

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant kien depożitarju ta' informazzjoni kunfidenzjali hekk kif ukoll jirriżulta mill-istess *email* (Dok. "GF 2" – *a fol.* 42 *et seq.*). Ovvjament tali sigriet wasal għandu in vista tar-rwol tiegħu ta' Kap Eżekuttiv tal-MGA u li kixef din l-informazzjoni kunfidenzjali meta qal lil Fenech bl-investigazzjoni li kienet ser issir fuq casino terz.

Illi rigward il-fatt li l-informazzjoni li ġiet estrapolata kienet tmur lura biss sitt xhur dan, bħala stat ta' fatt, mhux minnu minħabba li fil-*mailbox* tal-appellant kien hemm *emails* li jmorru lura għas-sena 2019 u anke eqdem. Iżda anke kieku dan kien minnu l-informazzjoni l-aktar vitali nġiebet mill-*mobile* tal-appellant. Minbarra dan, l-*email* tas-6 ta' Awwissu 2019 (Dok. "GF 2" – *a fol* 42 *et seq.*) ġiet konfermata mill-istess Joseph Attard meta xehed fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2021. Għalhekk ma hemmx bżonn ta' *emails* mill-*mailbox* tal-appellant.

Illi rigward il-fatt li ma tressqux xi xhieda bil-konsegwenza li l-appellant allura imputat ma setax jiddefendi ruħu, dan huwa argument fieragħ minħabba li xejn ma kien ser iwaqqaf lill-istess appellant milli jressaqhom hu. Dwar dan il-punt din il-Qorti tirreferi għal dak li qalet preċedentement rigward l-oneru tal-prova tal-Prosekuzzjoni u l-obbligi tagħha u sabiex tevita ripetizzjonijiet inutili tapplikom għal dan l-aggravju.

Illi b'hekk isegwi li l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata meta waslet għal konklużjoni li waslet għaliha u b'hekk anke t-tielet aggravju qed ikun miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Heathcliff Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi ż-żmien ta' tliet (3) snin ta' libertà kondizzjonata msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**